



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-3 ta' Ġunju, 2005**

**fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**

**dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar il-ħeffa u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (COM(2005) 155 finali)**

**(CON/2005/17)**

1. Fit-3 ta' Mejju, 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar il-ħeffa u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 104(14) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita` Ewropea. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. Politika fiskali tajba hija fundamentali għas-suċċess ta' unjoni ekonomika u monetarja (EMU). Hija prerekwiżit għal stabbiltà` makroekonomika, tkabbir u koeżjoni fiż-żona tal-euro. Il-qafas fiskali li jinsab fit-Trattat u fil-Patt ta' Stabbiltà` u Tkabbir huwa l-pedament ta' l-EMU u b'hekk essenzjali biex jankra l-istennijat ta' dixxiplina fiskali. Dan il-qafas mibni fuq ir-regoli, li jaspira biex jiżgura finanzi pubbliċi sostenibbli filwaqt li jħalli r-regolar tal-fluttwazzjonijiet ekonomiċi permezz tat-tħaddim ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, għandu jibqa' ċar, sempliċi w infurzabbli. Konformita` ma' dawn il-prinċipji tiffaċilita` wkoll trasparenza u trattament ugwali fl-implimentazzjoni tal-qafas.
4. L-għan tar-regolament propost huwa li jirrifletti tibdiliet fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà` u Tkabbir li dwarhom kien hemm qbil mill-Kunsill (ECOFIN) fl-20 ta' Marzu, 2005. Ir-regolament propost jittratta l-implimentazzjoni tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv (EDP). Ir-regolament propost jaspira li jiżgura politika fiskali soda billi jipprovdi inċentivi għal dixxiplina fiskali. Filwaqt li l-BĊE ma jarax il-bżonn li jesprimi opinjoni dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regolament propost, huwa jisħaq li l-EDP għandha bżonn tkun kemm kredibbli kif ukoll effettiva bħala salvagwardja kontra finanzi pubbliċi mhux sostenibbli, filwaqt li żżomm *time frame* strett. Fuq dan l-isfond, il-BĊE jiffavorixxi emenda li tkun limitata kemm jista' jkun, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1467/97 tas-7 ta' Lulju, 1997, dwar il-ħeffa u l-kjarifika ta' l-implimentazzjoni tal-

proċedura tad-defiċit eċċessiv<sup>1</sup>. Implimentazzjoni rigoruża u konsistenti ta' l-EDP twassal għal politika fiskali prudenti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-3 ta' Ġunju, 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, pġ. 6.